# Il-Papa Miet[1]

Alphonse Daudet

*Traduzzjoni ta' Paul Zahra*

Għaddejt tfuliti f'belt kbira tal-provinċja maqsuma fi tnejn bi xmara ffullata għall-aħħar, bil-bosta ħarkiena, li fiha ksibt b'mod bikri l-kilba għall-vjaġġi u l-passjoni tal-ħajja fuq l-ilma. Teżisti fuq kollox rokna ta' moll, viċin ċertu pontun bl-isem ta' *Saint-Vincent*, li dwarha qatt ma naħseb, anke llum, mingħajr emozzjoni. Mill-ġdid qed nara l-kartellun imsammar fit-tarf ta' pinnur ta' tarkett: *Cornet*, dgħajjes għall-kiri, it-taraġ żgħir li kien imdeffes fl-ilma, jiżloq għalkollox u msewwed b'roqgħa mxarrba, il-flotta ta' dgħajjes żgħar miżbugħin b'mod frisk bi lwien jgħajtu huma u jiskjeraw ruħhom 'l isfel mas-sellum, huma u jitbandlu b'mod ħelu ġenb ma' ġenb, donnhom imħaffin bl-ismijiet sbieħ li kienu jġorru fuq in-naħa ta' wara b'ittri bojod: *Oiseau-Mouche*, *Hirondelle*.

Imbagħad, qalb l-imqadef twal ileqqu b'ċomb abjad li kienu jkunu qed jinxfu mal-mintba, ix-xwejjaħ Cornet kien jibqa' sejjer bil-landa taż-żebgħa, bil-pniezel kbar tiegħu, b'wiċċu mqadded, imxaqqaq, imkemmex b'elf toqba żgħira donnu xmara f'lejla ta' riħ frisk ... O! Dan ix-xwejjaħ Cornet. Kien is-satana ta' tfuliti, il-passjoni doloruża, dnubi, ir-rimors tiegħi. Ġegħelni nikkommetti reati bid-dgħajjes tiegħu! Kont niskarta l-iskola, inbigħ il-kotba tiegħi. X'ma kontx lest inbigħ għal nofstanhar qdif!

Bil-pitazzi kollha f'qiegħ id-dgħajsa, bil-ġakketta mneżżgħa, bil-kappell mixħut lura, u f'xagħri l-kolp bnin tal-palju taż-żiffa tal-ilma, kont niġbed

1 Meħuda mill-ġabra ta' novelli *Contes du Lundi* (1873).

b'mod sod l-imqadef, jien u nkemmex ġbini biex tassew nagħti lili nnifsi x-xeħta ta' lupu tal-baħar xiħ. Sakemm kont għadni fil-belt, kont inżomm fin-nofs tax-xmara, b'distanza ugwali miż-żewġt ixtut, li fihom il-lupu tal-baħar xiħ seta' jiġi rikonoxxut. Xi trijonf li nitħallat ma' dak iċ-ċaqliq kbir tad-dgħajjes, taċ-ċattri, tal-braken tal-injam, tad-dgħajjes tad-divertiment bl-istim li kienu jersqu lejn xulxin, jevitaw lil xulxin, separati biss b'orlatura ta' ragħwa rqiqa! Kien hemm bastimenti mgħobbijin li kienu jduru biex jaqbdu l-kurrent, u dan kien jispostja folla ta' oħrajn. F'ħin bla waqt ir-roti tal-istim kienu jħabbtu mal-ilma viċin tiegħi; jew dell tassew tqil kien jgħaddi minn fuqi, kienet tkun il-pruwa ta' bastiment tat-tuffieħ.

"Aħseb mela għal rasek dbejbna!" kienet tgħajjat vuċi maħnuqa; u kont nagħraq, kont nissara, imfixkel fiċ-ċaqliq 'l hemm u 'l hawn ta' din il-ħajja tax-xmara li l-ħajja tat-triq kienet taqsam bla waqfien b'dawk il-pontijiet, b'dawk il-pontuni li kienu jpoġġu r-rifless tal-omnibusijiet taħt id-daqqa tal-imqadef. U l-kurrent tant iebes fil-ponta tal-arkati, u bit-tranji, il-belligħat, il-famuża ħofra ta' *Mort-qui-trompe*! Taħsbux li kienet ħaġa faċli li tiggwida lilek innifsek hemm fiha bi driegħ ta' tnax-il sena u b'ħadd biex iżomm it-tmun.

Kultant kien ikolli x-xorti li niltaqa' mal-katina. Malajr kont naqbad għalkollox mat-tarf ta' dawn is-sriebet twal ta' dgħajjes li kienet tirmonka, u, l-imqadef weqfin, mifruxin donnhom ġwienaħ jittajru, kont inħalli lili nnifsi għaddej b'din il-veloċità siekta li kienet taqta' x-xmara f'żigarelli twal ta' ragħwa u ġġiegħel jiżgiċċaw miż-żewġt ixtut is-siġar, id-djar tal-moll. Quddiemi, 'il bogħod, tassew 'il bogħod, kont nisma' t-taħbit monotonu tal-iskrun, kelb li jkun qed jinbaħ fuq waħda minn dawn id-dgħajjes tal-irmonk, li fiha kienet titla' minn ċumnija baxxa xibka żgħira ta' duħħan; u dan kollu kien jagħtini l-illużjoni ta' vjaġġ twil, tal-ħajja vera abbord.

B'xorti ħażina, dawn l-inkontri mal-katina kienu rari. L-aktar spiss kien jeħtieġli naqdef u naqdef fis-sigħat tax-xemx. O! Il-miljiet tan-nofsinharijiet huma u jaqgħu dritt fuq ix-xmara, kien jidhirli li jlellxuni aktar. Kollox kien ivvampjat, kollox kien ileħħ. F'din l-atmosfera tagħmik u sonora li żżomm fil-wiċċ tal-mewġ u tivvibra maċ-ċaqliq kollu tiegħu, l-għadsiet qosra tal-imqadef tiegħi, il-ħbula tad-dgħajjes tal-irmonk mgħollijin 'il fuq mill-ilma joqtru għalkollox kienu jġiegħlu jgħaddu d-dwal ħaj ta' fidda llustrata. U kont naqdef jien u nagħlaq għajnejja. F'mumenti, bil-qawwa tal-isforzi tiegħi, bil-

ħeffa tal-ilma taħt id-dgħajsa tiegħi, kont nistħajjilni li kont inkun għaddej b'ħeffa kbira; iżda jien u ngħolli rasi, kont dejjem nara l-istess siġra, l-istess ħajt quddiemi max-xatt.

Fl-aħħar, sforz il-għeja, kollni niedi u ħamrani bis-sħana, kien jirnexxili noħroġ mill-belt. L-għagħa tal-banjijiet friski, tad-dgħajjes, tal-ħassiela, tal-pontuni għall-imbark kienet tonqos. Il-pontijiet kienu jispazjaw ruħhom max-xatt imwessa'. Xi ftit ġonna tas-subborg, ċumnija ta' fabbrika, kienu jirriflettu lilhom infushom 'l hemm u 'l hawn. Fuq ix-xefaq kienu jirtogħdu gżejjer ħodor. Imbagħad, jien u ma nissaportix aktar, kont immur inġenneb lili nnifsi max-xatt, f'nofs il-qasab iżanżnu; u hemm, mitluf minn sensih bix-xemx, bl-għeja, b'dik is-sħana tqila li kienet titla' mill-ilma mkewkeb bi fjuri sofor wesgħin, il-lupu tal-baħar xiħ kien jibda jinfaraġ minn imnieħru għal sigħat sħaħ. Qatt il-vjaġġi tiegħi ma kellhom tmiem ieħor. Imma xi stajt nagħmel? Kont insib dan delizzjuż.

It-terribbli, pereżempju, kien li mmur lura d-dar, l-iskola. Kien ikun kollu ta' xejn niġi lura naqdef għal alla tiegħi, kont dejjem nasal tard wisq, wisq wara l-ħruġ tal-klassijiet. L-impressjoni tal-jum jintemm, l-ewwel żnienen tal-gass fiċ-ċpar, l-irtirar, ilkoll kienu jżiduli l-estasijiet, ir-rimorsi tiegħi. In-nies għaddejjin, huma u jmorru lura f'darhom tassew trankwilli, kienu jġegħluni ngħir; u kont niġri rasi tqila, mimlija xemx u ilma, biż-żarżir tal-bkiekem f'qiegħ widnejja, u diġà wiċċi aħmar bil-gidba li kont sejjer ngħid. Billi kien jeħtieġli waħda kull darba biex niffaċċja dik il-mistoqsija terribbli "minn fejn ġej?" li kienet tkun qed tistennieni minn bejn il-bieb. Hu dan l-interrogatorju tal-wasla li kien ibeżżagħni l-aktar. Kien ikolli nwieġeb hemm, fuq l-indana, b'sieqi mgħollija, dejjem ikolli storja lesta, xi ħaġa xi ngħid, u tant tal-għaġeb, tant meraviljuża, li s-sorpriża kellha taqta' ħesrem il-mistoqsijiet kollha. Dan kien jagħtini l-ħin nidħol, nieħu nifs lura; u biex nasal sa hemm, xejn ma kien jiswieli. Kont nivvinta ħruq, rivoluzzjonijiet, affarijiet terribbli, naħa sħiħa tal-belt qed taqbad, il-pont tal-linja tal-ferrovija ċedut fix-xmara. Iżda hawn hu l-isħaħ li sibt:

Dik l-għaxija, wasalt tard ħafna. Ommi, li kienet ilha tistennieni għal siegħa sħiħa, kienet għassa, bilwieqfa, fuq fit-taraġ.

"Minn fejn ġej?" għajtet.

Għidli int x'jista' jżomm il-brikkunati f'ras ta' tifel. Ma kont sibt xejn, ma ħejjejt xejn. Kont ġejt wisq malajr ... F'salt wieħed għaddietli minn moħħi idea

mherwla. Kont naf li l-għażiża mara kienet ferm devota, Kattolika fanatika donnha Rumana, u weġibtha fl-ilhiġ kollu ta' emozzjoni kbira:

"O ma ... Li kieku taf! ..."

"Xi nqala' mela? ... X'reġa' seħħ? ..."

"Il-Papa miet."

"Il-Papa miet! ..." qalet il-povra omm, u straħet għalkollox safrana mal-ħajt. Għaddejt malajr f'kamarti, xi ftit imbeżża' bis-suċċess tiegħi u bl-enormità tal-gidba; madankollu, kelli l-kuraġġ li nsostniha sal-aħħar. Niftakar lejla funebri u ħelwa; missieri ferm serju, ommi mwerwra ... Konna qed nitħaddtu b'leħen baxx madwar il-mejda. Jien, b'għajnejja baxxuti; iżda l-ħarba tiegħi kienet tant mitlufa tajjeb f'dan in-niket ġenerali li ħadd ma kien qed jaħseb aktar dwarha. Kulħadd kien qed jirrepeti jikkwota mill-ġdid xi aspett ta' virtù tal-povru Piju IX; imbagħad, ftit ftit, il-konverżazzjoni ntilfet fl-istorja tal-papiet. Iz-zija Rose tkellmet dwar Piju VII, li kienet tassew qed tiftakar li kienet ratu għaddej fin-Nofsinhar, f'qiegħ ta' karozzella, bejn żewġ ġendarmi.

Ftakarna fil-famuża xena tal-imperatur: *Comediante!* ... *tragediante*! ... Tassew kienet il-mitt darba li kont qed nismagħha tirrakkonta, din ix-xena terribbli, dejjem bl-istess intonazzjonijiet, l-istess ġesti, u b'dak il-mod sterjotipat tat-tradizzjonijiet ta' familja li wieħed jiret u li jibqgħu hemm, pwerili u lokali, donnhom stejjer ta' kunvent. Xorta waħda, qatt ma kienet dehritli daqstant interessanti. Kont qed nismagħha bi tnehid ipokrita, b'mistoqsijiet, b'dehra ta' interess falz, u l-ħin kollu kont qed ngħid lili nnifsi:

"Għada filgħodu, huma u jsiru jafu li l-Papa ma mietx, se jkunu tant kuntenti li ħadd mhu se jkollu l-kuraġġ iċanfarni."

Jien u naħseb dwar dan, għajnejja kienu qed jingħalqu minkejja tiegħi nnifsi, u kelli viżjonijiet ta' dgħajjes żgħar miżbugħin blu, bl-irkejjen tas-*Saône* mtaqqlin bis-sħana, u bis-saqajn ta'brimba tal-ilma jiġru f'kull direzzjoni, huma u joborxu l-ilma mżelleġ, donnhom ponot ta' djamant.